Heritage Malta

Auberge de Provence
Republic Street
Valletta VLT 04
Malta
Tel: +356 2123 9545, 2122 1623
Fax: +356 2124 3628
Email: info@heritagemalta.org
Web: www.heritagemalta.org

# PRESS RELEASE

Date: 23/09/2003

**IMNIEDI L-"BOV TARXIEN TEMPLES PROJECT"**

Ic-Chairman tal-BOV Joseph F X Zahra, illum habbar li l-BOV se jiffinanzja progett kbir marbut mal-wirt storiku liema progett qed jissejjah il-"BOV Tarxien Temples Project". Grazzi ghall-ghajnuna finanzjarja li se jaghti l-Bank of Valletta, huwa mistenni li, matul is-snin li gejjin, isir xoghol estensiv f'dan is-sit storiku uniku li ghandu jwassal sabiex joffri lil kull min izuru, esperjenza differenti u interattiva.

Dan l-impenn tal-BOV lejn il-wirt storiku u kulturali Malti kien ikkonfermat illum meta s-sur Zahra, f'isem il-Bank of Valletta u Dr. Mario Tabone, Chairman ta' Heritage Malta, iffirmaw il-ftehim li permezz tieghu kien imniedi l-"BOV Tarxien Temples Project". L-On. Jesmond Mugliett, Ministru ghaz-Zghazagh u l-Arti kien prezenti ghall-iffirmar ta' dan il-ftehim.

Huwa w jindirizza lill-membri ta' l-istampa, il-Ministru Mugliett qal li l-Bank of Valletta qed ikun ta' ezempju ghall-komunita kollha tan-negozju permezz ta' l-isponsorship ta' dan il-progett ambizzjuz. Huwa qal li ftehim bhal dan milhuq illum bejn il-BOV u Heritage Malta ghandu jkun imfahhar u imitat. Il-Ministru qal li l-kultura ta' l-isponsorships ta' progetti bhal dan sabiex jithares il-wirt kulturali qed isir izjed popolari mas-settur privat. "Dan jawgura tajjeb ghall-protezzjoni, l-izvilupp u l-immaniggjar tal-wirt kulturali Malti," zied il-Ministru.

Il-Ministru ghaz-Zghazagh u l-Arti qal li l-ewwel fazi ta' dan il-progett – l-izvilupp ta' centru ghall-vizitaturi fit-Tempji ta' Hal Tarxien – se jkun l-ewwel progett li se jkun qed jigi implimentat f'sit Neolitiku f'dawn l-ahhar snin. "Permezz ta' dan il-progett, ahna qed infittxu li niksbu izjed esperjenza li ghandna bzonn sabiex nidentifikaw l-ahjar mod kif nipprezentaw dawn it-tempji."

Il-Ministru Mugliett qal li l-monumenti Neolitici Maltin ghandhom potenzjal kbir fir-rigward tat-turizmu li ma jistax jitwarrab. Huwa qal li t-turisti tal-lum jistennew li jsibu esperjenza ahjar u li tixraq lil siti bhal dawn. Il-Ministru qal li hekk kif jitlesta, ic-centru ghall-vizitaturi f'Hal Tarxien se jzid il-potenzjal li titwaqqaf *heritage trail* f'din iz-zona li tkun tinkludi wkoll l-Ipogew ta' Ħal Saflieni, it-Tempji ta' Kordin u monumenti ohra simili fl-istess zona.



Heritage Malta is incorporated under the provisions of the Cultural Heritage Act 2002. The Agency is responsible for the management, protection, interpretation and marketing of Malta's national museums, heritage sites and collections.

Fid-diskors tieghu, Joseph F X Zahra qal "l-impenn tal-BOV lejn il-wirt Malti illum sar karatteristika ewlenija ta' l-organizzazzjoni taghna. Ahna kburin li ahna bank Malti u nikkunsidraw lilna nfusna bhala l-Bank tal-komunita Maltija. Ahna impenjati li naqdu r-responsabbilta socjali taghna permezz tal-kontribut attiv lejn is-socjeta li fiha ahna nahdmu. Dan l-impenn urejnieh kemm-il darba permezz ta' progetti kbar li diga twettqu fil-passat bl-ghajnuna finanzjarja tal-BOV. Fost dawn, wiehed ma jistax ma jsemmix ir-restawr tal-monument mill-isbah ta' Kristu Re xoghol l-iskultur Sciortino kif ukoll ir-restawr tal-korazza tal-Gran Mastru Wignacourt fl-Armerija tal-Palazz.

Il-"BOV Tarxien Temples Project" issa qed jaghti dimensjoni gdida lil dan l-impenn taghna lejn il-wirt storiku Malti. Ahna effettivament qed niehdu l-patrunagg ta' dan is-sit u l-BOV se jkollu r-rwol ewlieni f'dan il-progett ambizzjuz li eventwalment se jsahhah bl-ahjar mod possibbli l-esperjenza ta' kull min izur dan is-sit tat-Tempji Neolitici. Finalment, ahna qed nistennew li l-BOV Tarxien Temples Project jaghmel minn dan is-sit, meqjus bhala wirt dinji, attrazzjoni unika li tkun immaniggjata b'mod mill-izjed professjonali u skond l-aqwa *standards*. Minbarra l-aspett kulturali, dan il-progett huwa mistenni wkoll li jkollu effett ekonomiku pozittiv billi se jikkontribwixxi lejn titjib fil-prodott turistiku Malti", temm jghid is-sur Zahra.

Il-konferenza ta' l-ahbarijiet kienet indirizzata wkoll mic-Chairman ta' Heritage Malta, Dr Mario Tabone fejn qal "Heritage Malta u l-pajjiz kollu huma grati lejn il-Bank of Valletta talli ghazel li jorbot ismu ma' progett ta' dan il-kalibru. Huwa grazzi ghall-ghajnuna minn istituzzjonijiet finanzjarji ewlenin bhalma hu l-Bank of Valletta li Heritage Malta tista tonora l-impenn taghha li thares il-wirt prestiggjuz u uniku li ghandna."

Is-sur Tabone zied jghid, "il-progett jifforma parti mill-hidma ta' Heritage Malta li ttejjeb il-kundizzjoni tas-siti kollha li ghandha f'idejha b'mod li dawn jilhqu l-livelli internazzjonali. Fil-fatt, permezz ta' dan il-progett, se jitwaqqaf *Visitors' Centre* li se jibdel dan is-sit f'progett interattiv fejn kull oggett se jkun immarkat u akkumpanjat minn deskrizzjoni informattiva, li ser jinkorpora wkoll ukoll hanut filwaqt li ser isiru xoghlijiet estensivi ta' riabilitazzjoni taz-zona ta' madwar. Is-sit tat-tempji f'Hal Tarxien huwa wiehed mit-tlett siti ewlenin f'Malta li ghandhom bzonn intervent immedjat sabiex ikunu protetti, riabilitati u sabiex itejjbu l-prezentazzjoni lil kull min izuru u joffrulu esperjenza unika."

Is-sit tat-Tempji f'Hal Tarxien huwa l-aktar sit fin u elaborat fost is-siti tat-tempji kollha f'Malta kemm ghall-arkitettura kif ukoll minhabba d-dekorazzjoni interna tieghu. Is-sit, li jkopri zona ta' madwar 4,200 metru kwadru jikkonsisti f'erba' tempji u l-eskavazzjoni tieghu tmexxiet minn Sir Temi Zammit bejn l-1915 u l-1919.



Heritage Malta is incorporated under the provisions of the Cultural Heritage Act 2002. The Agency is responsible for the management, protection, interpretation and marketing of Malta's national museums, heritage sites and collections.

Dawn it-tempji, li nbnew bejn it-3150 u l-2500 QK, huma l-aktar tempji kumplessi li nsibu f'Malta. Huma jikkonsistu f'erba' *units* maghqudin flimkien bi spazju kwadru u kienu l-ahhar tempji li nbnew f'pajjizna. Il-bini b'sengha u d-disinn elaborat juru li min bniehom kellu esperjenza kbira f'dan ix-xoghol meta mqabbel ma' l-ewwel fazi tal-kostruzzjoni megalitika. It-tempji huma maghrufa l-izjed ghad-dettal fl-iskultura, li jinkludu xbiehat ta' allat u annimali domestici minquxa, altari u *screens* imzejjna b'disinji fosthom l-ispiral. Ta' interess partikolari hija l-kamra b'hitan hoxnin, maghruf ghall-inqix ta' zewg barrin u hanzira.

Is-sit jidher li kien jintuza hafna ghar-ritwali, li probabbilment kienu jinkludu s-sagrificcji ta' l-annimali. Is-sit f'Hal Tarxien huwa interessanti wkoll minhabba l-fatt li joffri hjiel importanti dwar kif it-tempji kienu jinbnew: bocci kbar tal-gebel li thallew barra wiehed mit-tempji kienu probabbilment intuzaw sabiex jingarr il-gebel il-kbir. Instab ukoll hjiel ta' kremazzjoni, li juri li s-sit intuza izjed 'il quddiem minn nies li ghexet fi zmien il-Bronz (2400-1500 QK)



Heritage Malta is incorporated under the provisions of the Cultural Heritage Act 2002. The Agency is responsible for the management, protection, interpretation and marketing of Malta's national museums, heritage sites and collections.